MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 556/2004

**John Patrick U Mary Carmen mizzewgin Hayman, Christopher Hayman u Raymond Pickard f'ismu proprju u bhala legittimu rapprezentant ta' bintu minuri Elaine**

**vs**

**Peter Ronald Smith**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Marzu, 2004 fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u tmien liri Maltin (Lm608.00) liema somma tirraprezenta drittijiet professjonali u spejjez dovuti lin-Nutar Dottor John Patrick Hayman in konnessjoni ma' kuntratt li gie pubblikat mill-istess Nutar fis-16 ta' Novembru, 2000 (Ins.17913/00);**

**U billi l-konvenut minkejja li nterpellat biex ihallas diversi drabi baqa' nadempjenti;**
**U billi l-atturi huma l-eredi tan-Nutar Dottor John Patrick Hayman;**
**Intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' sitt mija u tmien liri Maltin dovuti kif hawn fuq spjegat, u dan prevja d-dikjarazzjoni illi huwa debitur tal-atturi fl-ammont indikat;**
**Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez.**

**Ra r-risposta tal-konvenut tal-14 t'April, 2004, fejn gie eccepit:**
**i. Illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2149(c) tal-Kap.16;**
**ii. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;**
**iii. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju l-atturi jridu jippruvaw il-kreditu pretiz;**
**Bl-ispejjez.**

**Ra d-decizjoni preliminari moghtija minn dan it-Tribunal fit-18 ta' Mejju, 2004.**

**Semgha x-xhieda ta' John Patrick Hayman, Peter Ronald Smith u Nathalie Smith. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. L-atturi bhala eredi tan-Nutar Dr. John Patrick Hayman qed jitolbu drittijiet professjonali dovuti lill-istess Nutar in konnessjoni ma' kuntratt pubblikat mill-istess Nutar fis-16 ta' Novembru, 2000, Ins.17913/00.**
**2. Il-Konvenut fil-meritu qed jghid li tali talba hi nfondata.**
**3. Jirrizulta mill-provi li l-konvenut, li kien habib man-Nutar, kien qabbad lill-istess Nutar dwar xiri ta' fond f'Ghawdex. Fil-fatt in-nutar kien mar jara l-fond mal-konvenut, u kien sar konvenju.**
**4. Skond il-konvenut in-Nutar kien qallu li ma kienx hemm problemi dwar ix-xiri tal-imsemmi fond. Skond il-konvenut meta qabbad lill-Perit biex jaghmillu xi**

**alterazzjonijiet, dana sab li kien hemm triq progettata li tghaddi minn fejn kien l-imsemmi fond, Dok.PRS1. Il-konvenut jghid li kellem lin-Nutar fir-rigward li kien qallu li kien ser jehodlu hsieb. Il-kliem ezatt skond il-konvenut kien: "he would sort it out."**

**5. Skond il-konvenut n-Nutar kien qallu biex ma jhallsux sakemm ma jgib il-permess.**

**6. Mix-xhieda ta' Nathalie Smith, jidher li n-Nutar kien tassew qalilhom biex ihalluh jiehu hsieb il-problema u dana peress li huma kienu ser ikunu msefrin. Jirrizulta li meta gew lura mis-safar in-Nutar kien marad serjament.**

**7. It-Tribunal jirrileva li n-Nutar fic-cirkostanzi, anke jekk kien ipprometta li jaralhom dwar l-affarijiet, fatt li jirrizulta biss mix-xhieda tal-konvenuti, wara ma kienx aktar f'posizzjoni li jaghmel dan. Ma jistghax jinghad ghalhekk li l-pagament kien soggett ghal xi kundizzjoni sospensiva.**

**8. Jirrizulta invece li n-Nutar kien ppresta s-servizz, cioe` servizz ta' Nutar *ut sic*. Dwar affarijiet ohra l-konvenut messu mill-bidunett ivverifika ma' Perit.**

**9. Kien in-Nutar li jirrediga l-kuntratt, u ha hsieb l-ispejjez relatati mieghu, fosthom il-boll, ipoteki, registru, u spejjez ohra. Dawna jirrizultaw fl-ammont mitlub ta' sitt mija u tmien liri Maltin (Lm608.00), u jirrizulta li ghadhom dovuti lin-Nutar, u llum lill-eredi tieghu.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, t-Tribunal qed jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sitt mija u tmien liri Maltin (Lm608.00), bl-imghaxijiet legali dekoribbli mill-lum.**

L-ispejjez ta' dina l-istanza, kif ukoll dawk tad-decizjoni preliminari ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------